KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.6.2006
KUMM(2006) 341 finali

2006/0105 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tag ħha fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra, li tawtentika l-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-o ħra, dwar il-moviment ħieles tal- persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta'Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, wara s-sħubija tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-għaxar Stati Membri ġodda issieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Fir-rigward tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal- persuni (minn issa 'l quddiem il-Ftehim), l-Att ta' Sħubija jispeċifika li ma japplikax għall-Pajjiżi Membri ġodda. Minflok, l-Istati Membri ġodda jridu jaderixxu, skond Artikolu 6 (2) ta' l-Att ta' Sħubija, mill-konklużjoni ta' Protokoll tat-Tkabbir separat ma' l-Isvizzera.[1] In-negozjati bdew fl-2003 u abbozz ta' Protokoll tat-Tkabbir ġie inizjalat min-negozjaturi fit-2 ta' Lulju 2004.

Il-Protokoll tat-Tkabbir huwa ftehim internazzjonali mħallat mal-Komunità Ewropea u l-iStati Membri tagħha bħala Partijiet Kontraenti. Għalhekk, għandu jkun imfassal u awtentikat bl-ilsna uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, skond ir-Regolament Nru 1/1958 tal-15 ta' April 1958.[2] L-eċċezzjoni temporanja fir-rigward ta' l-ilsien Malti kif tidher fir-Regolament (KE) Nru 930/2004 ta' l-1 ta' Mejju 2004 ma tapplikax għall-Protokoll tat-Tkabbir.[3]

Wara li ħareġ fid-deher li l-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protkoll tat-Tkabbir ma kinitx se tkun disponibbli sad-data skedata tal-firma fis-26 ta' Ottubru 2004, in-negozjaturi ssuġġerew li l-Partijiet Kontraenti jipproċedu bil-firma tal-Protkoll tat-Tkabbir u jawtentikaw il-verżjoni bl-ilsien Malti fi stadju aktar tard wara d-dħul fis-seħħ tal-Protkoll. Għaldaqstant, Artikolu 9(2) tal-Protokoll tat-Tkabbir jitlob li l-Partijiet Kontraenti jawtentikaw il-verżjoni tal-Protokoll bl-ilsien Malti fuq il-bażi ta' skambju ta' ittri. Il-Protokoll tat-Tkabbir daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' April 2006. Intlaħaq ftehim dwar il-kontenut ta' l-iskambju ta' ittri kif propost bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Gvern Federali Żvizzeru, suġġett għal verifika legali.

Fir-rigward tal-komunità Ewropea, l-iskambju ta'ittri li jawtentika l-verżjoni bl-ilsien Malti jikkostitwixxi ftehim internazzjonali li jimmodifika l-Protokoll tat-Tkabbir. Hekk kif dan il-Protokoll ġie konkluż fuq il-bażi ta' Artikoli 310 u 300 tat-Trattat tal-KE, l-iskambju ta' ittri g ħandu jkompli ma' l-istess proċedura. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/245/KE tas-27 ta' Frar 2006 li tapprova l-konklużjoni tal-Protokoll tat-Tkabbir ma tipprovdix proċedura simplifikata għall-skambju ta' ittri[4]. Għaldaqstant, hu meħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew, hekk kif l-iskambju ta' ittri jemenda l-Protokoll tat-Tkabbir, li hu bbażat fuq Artikolu 310 tat-Trattat tal-KE. Madanakollu, fir-rigward tar-ratifika mill-Istati Membri, tista' tintuża l-proċedura simplifikata skond Artikolu 6(2) ta' l-Att tas-Sħubija.

---

1 ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.
2 ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58. Regolament kif emendat l-aħħar mit-Trattat tas-Sħubija ta'l-2003.
3 ĠU L 169, 1.5.2004, p. 1.
4 ĠU L 89, 28.3.2006, p. 28.

2006/0105 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tag ħha fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra, li tawtentika l-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-o ħra, dwar il-moviment ħieles tal- persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta'Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, wara s-sħubija tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 300(3) it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tas-Sħubija tas-16 ta' April 2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tas-Sħubija mehmuż mat-Trattat tas-Sħubija u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[5],

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[6],

Billi:

(1) Il-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 mal-Ftehim dwar il-moviment ħieles tal-persuni da ħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006[7].

(2) Artikolu 9(2) tal-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jawtentikaw il-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll fuq il-bażi ta' skambju ta' ittri.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

---

5 ĠU C [...], [...], p. [...].
6 ĠU C [...], [...], p. [...].
7 ĠU L 89, 28.3.2006, p.30.

L-iskambju ta’ ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, li tawtentika l-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll tas-26 ta’ Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-wa ħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal- persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta’Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, wara s-sħubija tagħhom ma’l-Unjoni Ewropea, b'dan il-mezz hija approvata f’ isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

L-iskambju ta’ittri hu mehmuż ma’din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna(persuni) bil-poter li tiffirma l-iskambju ta' l-ittri f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

bejn il-Komunità Ewropeja u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, li tawtentika l-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta'Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, wara s-sħubija tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

A. Ittra mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Brussell, [data]

Eċċellenza,

Il-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2006 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, dwar il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta'Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, wara s-sħubija tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, (minn hawn 'il quddiem imsemmi l-Protokoll) daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.

Artikolu 9(2) tal-Protokoll tat-Tkabbir jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jawtentikaw il-verżjoni bl-ilsien Malti tal-Protokoll fuq il-bażi ta' skambju ta' ittri.

F' isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja u ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, nipproponi lill-Konfederazzjoni Żvizzera li l-ittra mehmuża tiġi aċċettata bħala l-verżjoni awtentika tal-Protokoll bl-ilsien Malti.

Inkun grat jekk tikkonferma l-qbil tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' dan ta' fuq.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Il-President

E.T. Bernhard MarfurtIl-
Kap tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-Unjoni Ewropea
Place du Luxembourg 1
1050 Brussell

B. L-ittra mill-Konfederazzjoni Żvizzera

Brussell, [data]

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data ta' llum li tinqara kif ġej:

[…]

Nista' nikkonferma l-ftehim tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma’ dan ta’ hawn fuq.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Konfederazzjoni Svizzera

L-Ambaxxatur

Il-PresidentKunsill ta’ l-Unjoni Ewropea
1048 Brussell